# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar 2001**

**Numru : 27**
**Citaz. Numru : 2519/2000/RCP**

**Malta Drydocks bhala proprjetarja tal-Manoel Island Yacht Yard**

**vs**

**Carmelo Penza**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih il-korporazzjoni attrici premettiet:

Illi l-korporazzjoni attrici tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf, sitt mija u lira u disgha u tmenin centezmu (LM1,601.89) bilanc tal-prezz ta' xoghol u servizzi fuq il-boat "Golden Eye" esegwiti f'Manoel Island Yacht Yard fuq inkarigu tieghu.
Illi l-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li gie interpellat diversi drabi.

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili stante li d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-korporazzjoni attrici il-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

L-istess korporazzjoni attrici talbet li l-istess konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 talKodici tal-Procedura Civili; u

2. tikkundannah ihallas lill-korporazzjoni attrici is-somma ta' elf, sitt mija u lira u disgha u tmenin centezmu (LM1,601.89) bilanc tal-prezz ta' xoghol u servizzi fuq il-boat "Golden Eye" kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru 1999, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-korporazzjoni attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tal-korporazzjoni attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan li tikkundanna lill-konvenut:

2. ihallas lill-korporazzjoni attrici is-somma ta' elf, sitt mija u lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (LM1,601.89) bilanc tal-prezz ta' xoghol u servizzi fuq il-boat "Golden Eye" kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru 1999, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**15 ta' Jannar, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**15 ta' Jannar, 2001**